Kitba bbażata fuq intervista ma' Anthony Schembri li kien inkarigat mix-xelters tad-distrett ta' Birkirkara fi żmien il-gwerra.

L-ewwel xelters ġew inprovviżati fid-djar. Dawn kienu xi mejda li fuqha l-missier kien ipoġġi mtieraħ, imħaded u xi affarijiet oħra, biex jekk jaqa' s-saqaf inaqqas mis-sabta tiegħu. Taħt din kienet tistkenn il-familja fl-ewwel żminijiet tal-gwerra.

Ix-xeltrijiet pubbliċi bdew jitħaffru fil-blat f'kull belt u raħal ma' Malta kollha. Ħafna drabi dawn ix-xeltrijiet kienu jgħaddu minn taħt il-bini tan-nies u jitfaċċaw fi triq oħra. Kien hemm xeltrijiet li kienu ħaffruhom minn tarf sa tarf ta' l-istess triq. Ix-xelter kien ikun kuritur 'il fuq minn 33 metru tul, 2 metri wiesa' u 2 metri għoli. Ix-xeltrijiet kienu jibdew minn 5 metri taħt wiċċ l-art. Kull wieħed kellu żewġ bokkaturi, li kienu mezz għaċ-ċirkolazzjoni ta' l-arja, mezz ta' salvataġġ jekk bokka minnhom tinqered, u mezz biex in-nies ta' triq waħda ma jdurux mal-blokk tal-bini biex jinżlu fix-xelter. Fejn ma kienx hemm bokkaturi, kienet titħaffer spiera għall-arja u din kien ikollha skalapiża magħha għall-ħruġ ta' emerġenza.

Ix-xeltrijiet kienu ta' żewġ tipi. Kien hemm dawk imħaffrin fi blat qawwi, u allura kienu jieħdu madwar 40 jum biex jitħaffru, u oħrajn li kienu fi blat artab li kienu jieħdu madwar 15-il jum biex jitlestew.

It-taraġ tax-xelter ma setax ikollu inqas minn żewġ indani; kien hemm li kellhom tlieta jew erbgħa, skond il-fond. Dawn l-indani kienu jservu biex itaffu mill-qawwa tal-blast fil-każ li bomba tisplodi qrib il-bokka tax-xelter. Id-dawrien tat-taraġ kien idgħajjef is-saħħa tal-blast. Qabel jibda x-xogħol fuq ix-xelter, il-perit u l-kuntrattur kienu jaraw minn fejn jgħaddu l-kanen ta' l-ilma, bjar, ġwiebi u drenaġġ, u jħejju pjanta tax-xogħol. Il-kuntrattur kien jistaqsi lin-nies li minn taħthom kellu jgħaddi x-xelter, dwar fejn kellhom il-bir jew ġiebja, u jekk jafux b'xi oħrajn madwarhom.

Id-direzzjoni u l-mixja tal-qtugħ tal-blat kienu jsiru bil-għajnuna tal-boxxla. Il-kuntrattur kien iħaffer biss kuritur twil, u l-kmamar li nsibu fix-xelters kienu jitħaffru mill-privat bi spejjeż tagħhom. Għal dawn il-kmamar kien hemm bżonn il-permess tal-gvern.

Fi żmien l-attakki mill-ajru, familji sħaħ kienu jgħaddu sigħat, ġranet, ġimgħat jew xhur ġewwa x-xeltrijiet. Familji li djarhom kienu mġarrfa mill-bombi kienu jibqgħu jgħixu taħt l-art sakemm il-gvern isibilhom post ieħor. . Tipi ta' xelters oħrajn kienu jkunu mħaffrin minn familji. Żewġ familji jew tlieta kienu jiftiehmu li jħaffru xelter, li allura dan kien jgħaddi minn taħt id-djar tagħhom. Dawn il-familji kienu jkunu mill-istess triq,, imma ħafna drabi kien ikollhom il-btieħi jmissu ma' xulxin. Għalhekk xelter bħal dan kien jibda jitħaffer minn żewġ toroq differenti u jiltaqgħu fin-nofs. Xeltrijiet bħal dawn għadhom jeżistu fi djar privati, u llum tiskanta tarahom, meta fi żmien ta' gwerra kienu xelters ta' lussu kbir. Dawn kellhom dawl, ilma, u kmamar tas-sodda, ta' l-ikel u tal-ħażna; ma kien jonqoshom xejn.

Illum dawn ix-xeltrijiet huma mużewijiet tal-gwerra u jiffurmaw parti mill-wirt nazzjonali tagħna. . Fost dawk li huma miftuħin għall-pubbliku hemm dawk tal-Mużew ta' Wignacourt fir-Rabat, u oħrajn taħt il-ħarsien tal-Kunsilli Lokali tal-Mosta u tal-Birgu.

## Kitbiet għal "L-Imnara"

Dawn iridu jkunu bażati fuq riċerka jew esperjenzi personali tal-kittieb, u jkollhom dejjem konnessjoni mal-folklor lokali. Kull kitba għandha tasal għand l-editur, Guido Lanfranco, 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema, SLM 02

## Abbonament / Sħubija

Din il-pubblikazzjoni ma tinsabx fil-ħwienet, għax jirċivuha b'xejn il-Membri Effettivi tal-Għaqda tagħna. Għalhekk min irid jabbona jrid jissieħeb fil-Għaqda Maltija tal-Folklor billi jħallas lira fis-sena (Lm 1); membri ġodda jħallsu żewġ liri (Lm 2) fl-ewwel sena biss, u jkomplu bil-lira fis-sena. Kull ħlas għandu jintbgħat BISS lit-Teżorier, is-Sur J.F.Porsella Flores, 69, Triq il-Palma, Paola.